# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Frar, 2023.**

**Numru 13**

**Rikors numru 401/22/1**

**Perit David Psaila**

**v.**

**Andrè Pizzuto fil-kwalità tiegħu ta' President tal-Kamra tal-Periti**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment dwar talba magħmula mill-appellant b'rikors tiegħu tal-20 ta' Diċembru, 2022[1], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tirreferi kwistjoni ta' ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) b'rabta

[1] Paġ. 58 – 60 tal-proċess

ma' proċeduri dixxiplinari meħuda kontrih mill-Kunsill tal-Kamra tal-Periti u mal-appell imressaq minnu quddiem din il-Qorti mid-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu mill-imsemmi Kunsill fis-27 ta' Settembru, 2022;

2. L-intimat appellat *nomine* wieġeb għal dik it-talba fi Tweġiba mressqa minnu fis-16 ta' Jannar, 2023[2] billi, għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, oppona għaliha u qal li din il-Qorti jmissha tiċħadha;

3. L-appellant fisser hekk ir-raġunijiet li għalihom talab l-imsemmija riferenza: jilmenta li l-imsemmija proċeduri dixxiplinari mmexxija mill-Kunsill tal-Kamra tal-Periti jiksrulu l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares kemm taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u kif ukoll taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ewropea) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Dak l-ilment jissejjes "fuq diversi nuqqasijiet tal-kumitat, in kwantu entità ġudizzjarja, kif ukoll fir-rwoli diversi li għandu l-Kumitat li ma jirrispekkjawx il-prinċipji naturali tal-ġustizzja". Jixli lill-Kunsill bi "rwol triplu" ta' investigatur, ġudikant u saħansitra leġislatur. Iżid jgħid li tant tali ilment huwa f'waqtu, li l-leġislatur saħansitra ħaseb li jibdel il-liġi b'mod li tinbidel il-kompożizzjoni tal-imsemmi Kunsill u l-mod kif jitmexxew il-każijiet

[2] Paġ. 64 – 7 tal-proċess

quddiemu[3], iżda jgħid li sal-lum dawk id-dispożizzjonijiet għadhom ma nġabux fis-seħħ;

4. B'mod partikolari, l-appellant jgħid li bil-proċeduri meħuda kontrih il-Kunsill (i) assuma r-rwol ta' prosekutur (għax wettaq investigazzjoni) u ġudikant fl-istess nifs bi ksur tar-regola *nemo judex in causa propria*; (ii) sejjes id-deċiżjoni tiegħu, mhux fuq il-liġi, imma fuq direttiva maħruġa minnu stess; (iii) li bl-imsemmija deċiżjoni qiegħed lilu nnifsu 'l fuq mil-liġi billi assuma rwol ta' leġislatur meta lid-direttivi tiegħu tahom is-saħħa u s-siwi li m'għandhomx; (iv) ma seta' qatt jagħtih smigħ xieraq b'mod imparzjali, ladarba magħmul għal kollox minn "kompetituri diretti" tiegħu; (v) minħabba l-kompożizzjoni tiegħu li ma fiha l-ebda persuna mill-professjoni legali, ma seta' qatt jagħtih smigħ xieraq għaliex jonqsu fih il-kwalifiki legali sabiex "jiddetermina proċess ġudizzju li fl-aħħar mill-aħħar jirrikjedi għarfien legali"; u (vi) l-istess Leġislatur għaraf dawn in-nuqqasijiet meta ħareġ l-Att dwar il-Periti, liema Att mhux kollu għadu daħal fis-seħħ;

5. Ir-regola tal-liġi hija fis-sens li, jekk kemm-il darba tqum kwistjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali mħares mill-Kostituzzjoni f'xi proċedura li tkun miexja quddiem xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, il-qorti li quddiemha tqum kwistjoni bħal dik għandha

[3] Jirreferi għall-Att tal-2021 dwar il-Periti (Att XIII tal-2021, Kap 622) li daħal fis-seħħ, f'partijiet tiegħu biss fis-27 ta' Diċembru, 2022

tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla jekk kemm-il darba l-qorti li quddiemha titqajjem il-kwistjoni ma tqisx li t-tqanqil tal-kwistjoni kien sempliċement wieħed fieragħ jew vessatorju[4]. L-istess regola tgħodd ukoll fil-każ li l-kwistjoni mqanqla tirrigwarda ksur ta' jedd fundamentali mħares mill-Konvenzjoni[5];

6. Il-kwistjoni mqajma mir-rikorrent appellant f'dan il-każ saret quddiem din il-Qorti li, skont l-imsemmija dispożizzjonijiet, għandha tibgħatha lill-Prim'Awla jekk kemm-il darba ma tqisx li t-tqanqil kien wieħed fieragħ jew vessatorju. L-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jixhdu, għalhekk, li tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-qorti li quddiemha titqanqal il-"kwistjoni"[6] tal-ksur ta' jedd fundamentali li tqis jekk kemm-il darba dak it-tqanqil ikunx wieħed fieragħ jew vessatorju b'rabta mal-mertu dibattut tal-kawża;

7. Il-Qorti tqis li l-appell li r-rikorrent ressaq quddiemha jirrigwarda n-nullità formali tad-deċiżjoni minnu attakkata, magħduda f'dawn l-aggravji l-ilment ta' nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji ta' ħaqq naturali fil-mod kif il-Kunsill kien kompost u kif mexa. Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-aggravji (li jikkostitwixxu l-kwistjoni fil-mertu tal-kawża li din il-Qorti għandha quddiemha) ma jiġġustifikawx ir-riferenza mitluba għaliex din il-Qorti

[4] Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni
[5] Art. 4(3) tal-Kap 319
[6] App. Ċiv. **26.1.2022** fil-kawża fl-ismijiet ***Director of Public Registry v. Ahmad Aziz***

għandha s-setgħa u l-possibilità li tqishom u tagħti l-fehma tagħha dwarhom fis-sentenza fil-mertu[7]. Dan għaliex, kif ingħad, mhux biss il-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali "*kellhom jinterpretaw u japplikaw il-liġijiet fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni*"[8] u għalhekk din il-Qorti fl-appell imressaq quddiemha tista' tagħti lir-rikorrent rimedju xieraq u effettiv għal dawk l-ilmenti jekk kemm-il darba jirriżultaw mistħoqqa;

8. Il-Qorti tħoss li f'dan ir-rigward, għalhekk, it-talba mressqa mir-rikorrent appellant hija intempestiva u mhux f'waqtha. Jidhrilha xieraq li tinqeda b'ċitazzjoni minn sentenza mogħtija f'ċirkostanzi li jixxiebħu mressqa minn persuna aggravata b'ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq minn proċediment amministrattiv u l-liġijiet speċjali li taħtu tnedew meta ngħad: "*dak li qiegħed jilmenta minnu l-appellant huwa s-siwi kostituzzjonali u konvenzjonali ta' liġi. … Għalhekk tqis li t-talba tiegħu għal riferenza kostituzzjonali magħmula f'dan l-istadju hija frivola u vessatorja, tenut kont ukoll li r-rimedju li għandu miftuħ l-appellant bir-rikors tal-appell tiegħu, jestendi mhux biss għal punti ta' liġi, imma anke fuq il-mertu. Tqis ukoll li ladarba r-rimedju ordinarju għadu mhux eżawrit, l-appellant għad għandu l-opportunità li jikseb dak li jrid permezz ta' rimedju ordinarju kontemplat mil-liġi. Tqis ukoll li ladarba l-appellant*

---

[7] Ara App. Ċiv. **28.4.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ et v. Onor. Prim Ministru et*** §§ 13 – 16

[8] Kost. **11.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Costantino Consiglio et v. Joseph N. Tabone noe et*** u P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Margaret Camilleri et v. The Cargo Handling Co. Ltd.*** (mhix appellata)

*għażel li jressaq il-każ tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) …, huwa m'għandux iqajjem kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali f'dan il-forum, u jekk tassew ried jilmenta dwar is-siwi kostituzzjonali u konvenzjonali tal-imsemmija liġi, imissu għamel dan billi ressaq kawża kostituzzjonali mill-ewwel. Jekk l-appellant, wara l-eżitu ta' dawn il-proċeduri tal-appell, jidhrilu li t-tħaddim tal-liġi fil-konfront tiegħu illeda l-jeddijiet fundamentali tiegħu, m'hemm xejn xi jżomm lill-appellant milli jressaq kawża kostituzzjonali biex jattakka l-liġi*"[9];

9. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti **tiċħad it-talba** tar-rikorrent biex hija tirreferi l-"kwistjoni" imqanqla minnu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha billi hija intempestiva u, minħabba f'hekk, fiergħa u vessatorja għall-għanijiet tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[9] App. Inf. LM **4.3.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Anthony P. Farruġia v. Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU) et***